MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 57/2003

**Ta' Masrija Limited**

**vs**

**Maria Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi tizgombra, tirrilaxxja u thalli libera affavur tas-socjeta' attrici, u dana fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefeggilha dina l-Qorti, l-ghalqa maghrufa Tal-Qattara, limiti tar-Rabat, Malta, li qed

tokkupa minghajr titolu validu fil-ligi, prevja d-dikjarazzjoni li hi qed tokkupa l-imsemmija ghalqa minghajr titolu validu fil-ligi;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru tas-sena 2002;

3. Illi l-konvenuta hi ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni;

4. B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici, senjatament dik ta'danni;

5. Illi ghal fini tal-kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ta' l-ghalqa in kwistjoni ma jeccedix l-ghaxar Liri Maltin (LM10.00,0) fis-sena;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata it-12 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Qorti ratione materiae;

2. Illi fit-tieni lok u in sostenn tal-ewwel eccezzjoni jigi eccepit inoltre li l-eccipjenta tiddetjeni l-art in kwistjoni b'titolu ta' qbiela fuq l-istess;

3. Illi fil-fatt l-art in kwistjoni ilha fil-pussess tal-eccipjenta u qabilha tal-familja taghha sa ta l-anqas mis-sena 1944 b'titolu ta' qbiela, liema kera agrikola baqghet tithallas regolarment sakemm dan l-ahhar giet rifjutata mis-socjeta' attrici u kwindi kellha tigi depositata taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti;

4. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju opportun jekk ikun il-kaz;

5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet taghha datat l-20 ta’ Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu, stante l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ordnat il-kapovolgiment tal-provi, u dan limitatament fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentant legali tal-konvenuta jinforma lill-qorti li l-kawza tista’ tmur ghalhekk ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif esposti fl-atti ta’ din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-ghalqa mertu tal-kaz odjern jirrizulta li kienet precedentement regolarment imqabbla lill-missier il-konvenuta, certu Salvu Agius;

2. Illi mid-dokument fil-pussess tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura jirrizulta li l-ghalqa de quo kienet registrata ma’ l-istess Dipartiment sa mill-1944, senjatament minn meta infetah ir-registru appozitu, u dan kien jindika li l-ghalqa in dizamina kienet registrata f’isem Salvu Agius fuq indikat;

3. Illi mill-istess dokumenti jirrizulta wkoll li fl-24 ta’ Gunju ta’ l-1945 din l-ghalqa giet tghajjat lil Maria Agius li sussegwentement saret Grima – cioe’ il-konvenuta;

4. Illi jirrizulta wkoll li l-ghalqa de quo ghadha hekk registrata sal-lum;

5. Illi l-istess konvenuta hija ndikata bhala bidwi, (ara fol 20);

6. Illi jirrizulta li l-ghalqa de quo precedentement ghal dan kollu kienet proprjeta’ ta’ Mable Strickland li ghaddietha bi qbiela lill-ahwa Aguis u b’hekk ghaddiet f’idejn il-konvenuta tramite missierha kif indikat qabel;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-qbiela in dizamina ghadha vigenti stante li ghadha hekk tintuza mill-konvenuta;

Illi ghaldaqstant dan jipprekludi lil din il-qorti milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-procedura stante li m’ghandhiex kompetenza fir-rigward;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u tiddikjara li mhiex kompetenti tipprocedi “ratione materiae”, bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------